MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1820/2003

**Mario Tabone ezercenti l-kummerc taht l-isem Eiffel Marketing Co.**

**Vs**

**Toys ‘n Kids Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Settembru 2003 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm605 (sitt mija u hames Liri Maltin) bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ sitt mija u hames Liri Maltin (Lm605) rapprezentanti kwantu ghal sitt mitt Lira (Lm600) bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur lis-

socjeta` Toys ‘n Kids Limited u ghal liema debitu assumiet l-obbligu s-socjeta` Sunflower Commercials Services Limited meta harget diversi cekkijiet biex thallas id-debitu, liema cekkijiet ma gewx onorati mill-banek u kwantu ghal hames liri (Lm5) bhala spejjez ta’ ittra legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-interessi mid-data ta’ kull fattura kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
In kwantu ghas-socjeta` Sunflower Comercial Services Limited, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur, stante l-fatt li c-cekkijiet mahruga minn din l-istess socjeta` ghal hlas tad-debitu imsemmi liema cekkijiet ma gewx onorati mill-banek ma jaghmlux lil din is-socjeta` d-debitrici ta’ l-ammont dovut.

In kwantu ghas-socjeta` Toys ‘n Kids Limited, permess tal-prezenti risposta, l-istess socjeta` qieghdha tammetti t-talba f’dan l-avviz.

Ra r-risposta fejn ammettit it-talba.

Jiddeciedi billi jilqa` it-talbiet attrici bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------